MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta ta' 01 ta' Novembru, 2002

Numru. 834/2002

Il-Pulizija
(Sp Stephen Gatt)
vs
Abdelrahim Haddaia, iben
Mohammed, imwieled
is-Sirja fl-10 ta’ diċembru, 1957

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-Imsida u Ta’ Xbiex fil-lejl bejn it-8 u id-9 ta’ ottubru, 2002 għal ħabta tal-12.15 a.m. u sigħat qabel dan il-ħin, b’diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni
tal-liġi, li jkunu ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:
1. attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b’ħebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra diversi membri tal-korp tal-pulizija, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-

esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita’ kompetenti;
2. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi nġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta’ diversi membri tal-korp tal-pulizija, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li jkunu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzz- joni ta’ dak is-servizz;
3. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi saq vettura jew ipprova jsuq jew kellu il-kontroll ta’ vettura tal-marka Austin Metro, bin-numru tar-reġistrazzjoni DAH 145, fit-triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kondizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;
4. talli saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura msemmija fit-triq jew f’post pubbliku wara li kkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu tan-nifs fid-demm jew fl-urina kien iżjed mill-limitu preskritt mill-liġi;
5. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluża, b’manjiera traskurata u b’manjiera bla kont;
6. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta’ awtorita’ jew ta’ wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħallihx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu jew b’xi mod ieħor bla jedd indaħal fi dmiru billi ma ħallihx lil ħaddieħor jagħmel dak li b’liġi kien ordnat li jagħmel;
7. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara fuq l-uniformi ta’ PS909 Buhagiar waqt il-qadi ta’ dmirijietu.
Il-Qorti ġiet mitluba li jiġu applikati l-provvedimenti tal-artikolu 15H tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta u jiġi skwalifikat milli jkollu liċenzja tas-sewqan ta’ mhux anqas minn sitt xhur.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ novembru, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 95, 96, 325(d) u 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 15Ċ u 15Ħ(1) (a) u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ tlett mitt liri maltin (Lm300).